# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 160/99***

***Pulizija***
***Sp. Sandro Gatt***
***v***
***Charles Muscat***

Illum 25 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Charles Muscat huma bazati fuq ir-reati ta' **Traffikar** tad-droga eroina **u Pussess Illegali (aggravat bl-intenzjoni)** – *riferribbilment ghat-28 ta' Lulju 1999 u matul dawn l-ahhar tlett snin.*

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-28 ta' Lulju 1999 il-pulizija, fuq informazzjoni anonima li go *booking office* f' The Strand Sliema kien hemm zaghzugh qed ibigh id-droga, marret fuq il-post indikat u hemm sabet lill-imputat li jahdem bhala salesman fl-istess gabbana. Illi wara li l-pulizija identifikaw ruhhom, saret strip seach fuq il-persuna tal-imputat, u malli dan neza l-qalziet ta' taht waqghu sebat iqratas li minn ezamijiet forensici li saru fuqhom, irrizulta li kienu jikkontjenu d-droga eroina f' ammont nett totali ta' 1.109 grammi

***L-imputat***

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat stqarr li dik id-droga kienet tieghu. Huwa qal li inizjalment kellu disat iqratas fuqu izda lahaq bigh tnejn minnhom ghall-prezz ta' LM20. Ulterjorment huwa stqarr li kien ilu jbigh id-droga ghal madwar xahar u b' kollox ikkalkola li kien bigh tlieta u tletin pakkett. Huwa sostna li kien jixtri d-droga fl-ammont ta' hames grammi u imbaghad jaqsamha f' pakketti. *"Jien kont nghamel bizzejjed qratas li nara li nkun fdejt il-flus li kont hrigt ghad-droga"(Stqarrija).*

Illi fl-istess stqarrija l-imputat qal li huwa jahdem u ghandu paga ta' LM50 fil-gimgha u 2% commission fuq il-beigh. Spjega li huwa ghandu l-vizzju tal-konsum tad-droga u ilu f' dan il-vizzju ghal circa tlett snin. Huwa kien ibigh id-droga biex ikun jista' jsostni l-vizzju tieghu.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi jidher car li meta l-imputat rrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija huwa kien veritier; u l-Qorti ser tghati affidament ghal-kontenut taghha. *Multo magis* fid-dawl tal-osservazzjoni mghamula mill-ufficjal prosekutur fid-deposizjoni tieghu fis-sens li *"qisu fetah qalbu mieghi"(deposizzjoni Sp.Sandro Gatt).*

Illi mill-premess jikkonfiguraw ir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u cioe ta' **Traffikar** tad-droga eroina u **Pussess Illegali** f' cirkostanzi li juru li d-droga ma kienitx ghal uzu esklusiv tieghu.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena l-Qorti tikkonsidera bhala fatturi mitganti s-segwenti cirkostanzi:

Il-**fedina penali netta** tal-imputat;

Il-**kooperazzjoni tieghu mal-pulizija**;

Id-**dipendenza tieghu fuq id-droga** fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati;

Ir-**rapport favorevoli** kemm tal-ufficjal tal-probation Carmen Nygard kif ukoll tas-social worker Josette Camilleri.

Minn naha pero' l-Qorti ma tistax tinjora **l-gravita' tar-reati** in parola u l-hsara konsegwenzjali li r-reat ta' Traffikar jikkaguna lill-membri tas-socjeta' *Multo magis* meta d-droga tkun **hard drug** bhal dik in disamina, u l-beigh taghha, ghalkemm sar f' periodju qasir, huwa ta' certu entita'. Di fatti fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien bigh **diversi pakketti**.

Illi ghal dak li stqarr l-imputat li d-droga kien ibigh biex *"izomm il-habit (tieghu)"* il-Qorti tosserva li din ic-cirkostanza titlef hafna mill-effett mitigatorju fil-kaz prezenti, in vista tal-fatt li mill-provi jidher li l-imputat ghandu impieg regolari u paga tajba meta wiehed jikkonsidera li l-imputat huwa guvni. Kif stqarr fl-istqarrija tieghu huwa kien ibigh biex jifdi l-flus li kien nefaq fuq id-droga u ghalhekk, il-Qorti tosserva, li kien hemm **element ta' negozju** fl-operat kriminuz tal-imputat.

Illi rigward il-kontenut tal-rapport fuq indikati, il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-imputat jidher li matul dawn il-proceduri ghamel hafna sforz biex ibiddel hajtu, izda, din il-Qorti tirribadixxi, li hija **ghandha d-dover u l-obbligu li thares mhux biss l-interess tal-imputat imma wkoll, anzi primarjament, l-interessi tas-socjeta** patikolarment f' reati serji bhal dawk in-disamina. Ghaldaqstant il-Qorti ser timponi piena sabiex isservi bhala deterrent adegwat u effettiv.

***<u>Piena</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kap.9 u r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 22(2)(B)(I) TAL-Kap.101, tikkundannah ghal ***piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar u multa ta' hames mitt lira maltin (LM500)*** u ulterjorment tikkundannah ihallas is-somma ta' LM34.50 ***spejjez*** tad-dok.MM u tordna l-konfiska tad-dokument SG2.

Illi tawtorizza lill-istess imputat jirtira mir-registru ta' din il-Qorti id-dokument SG4, stante li ma giex provat li dan iccellulari intuza fil-kommissjoni tar-reati in parola.

Illi in fine tordna d-destruzzjoni tad-droga kollha esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***